KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 4

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 4 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar **it-Tlieta 3 ta' Settembru 2024, fil-17:30 hrs**.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Marico Sammut**
**Segretarju Eżekuttiv** 27 ta' Awwissu 2024

Membri Preżenti:

| | |
|---|---|
| • Ċensu Galea | Sindku |
| • Christopher Vella Petroni | Viċi Sindku |
| • Alexander Agius | Kunsillier |
| • Sandra Gauci | Kunsillier |
| • Daryl Connor | Kunsillier |
| • Rachel Antoinette Williams | Kunsillier |
| • Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| • Clevion Micallef | Kunsillier |
| • Joseph Matthew Attard | Kunsillier |
| • Alexandra Smart Costantino | Kunsillier |

Skużati

| | |
|---|---|
| • Alfred Grima | Kunsillier |
| • Anne Marie Fenech | Kunsillier |
| • Alan Bugeja | Kunsillier |

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

**4.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill rċieva avviż ta’ apoloġija mingħand il-Kunsilliera Alfred Grima, Anne Marie Fenech u Alan Bugeja.

**4.2 Kunsiderazzjoni ta’ minuti – Laqgħa Numru 3**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Għall-approvazzjoni proponiet il-Kunsillier Sandra Smart Costantino u ġew sekondati mill-Kunsillier Joseph Matthew Attard

**4.3 Punti mill-minuti**

Is-Sindku Ċensu Galea ta’ aġġornament fuq il-każ ta’ NM Ltd fejn intqal li kienet ġiet ittra uffiċċjali u l-Kunsill bagħat ir-risposta b’mod uffiċċjali bl-avukat tal-Kunsill. Saret laqgħa bejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, u s-Sur Matthew Navarro u l-avukati tal-partijiet. Intqal li l-Kunsill mhuwiex kontra li jsir iżvilupp pero minħabba li trid tkun tingħalaq it-triq dejjem irid ikun hemm l-inqas inkonvenjent għall-pubbliku. Għalhekk kien importanti li l-uffiċċjali ikunu f’posthom u t-tabelli għandhom jitpoġġew kif miftiehem.

**4.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.4.1 Recycling Points

Is-Sindku u l-Viċi Sindku kellhom laqgħa ma uffiċċjali tal-Aġenżija ERA fejn ġie maqbul li għandhom isiru dawn is-siti ta’ Recycling Points. Waqt din il-laqgħa l-Kunsill ġie nfurmat li ser ikun hemm CCTV ma kull sit għas-spejjes ta’ Green MT. Is-Sindku nforma li bħalissa kien hemm ksur tar-regoli minħabba l-obbligi li joħorġu mill-liġi. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex sa qabel laqgħa oħra tal-Kunsill jissuġġerixxu siti fejn jista’ jkun hemm siti għar-riċiklaġġ ta’ ħgieg, kartun u karti, plastic u metal.

Ipproponiet il-Kunsillier Rachel Williams u ssekondat il-Kunsillier Sandra Smart Costantino. Il-kunsill approva nem.com

4.4.2 Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-tenders – Il-Kunsill qiegħed jistennarisposta mingħand iċ-Ċermen Adrian Mifsud rigward jekk il-membri preżenti fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni hux ser ikomplu fuq dan il-Bord.

4.4.3 Kunsill tat-Tfal – RIGHTS – Saret proposta min RIGHTS biex f’kull Kunsill Lokali jkun hemm Kunsill tat-Tfal. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm dan il-Kunsill tat-tfal fil-lokalita’ ta’ San Pawl il-Baħar bil-parteċipazzjoni tal-iskola Primarja ta’ SanPawl il-Baħar u l-iskola Primarja tal-Qawra biex ikun hemmrappreżentazzjoni miz-zewg skejjel.Il-quddiem ser jsiru iktar laqgħat, u kien hemm qbil li jattendu l-Kunsilliera Anne Marie Fenech u Alexander Agius.

4.4.4 Bord tal-Claims – Is-Sindku spjega li minħabba li fil-Bord tal-Claims kien hemm kunsilliera li m’għadomx fil-kunsill irid jinħatar bord ġdid - Is-Sindku ppropona lil Kunsillier Alexander Agius bħala Ċermen u ġie maqbul li l-membri l-oħra jkunu l-Kunsilliera Daryl Connor u Sandra Gauci.

4.4.5 Informazzjoni dwar il-laqgħa tar-Reġjun – Il-Kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar flimkien ma tmien Kunsilli oħra jifforma parti mir-Regjun Tramuntana – Fl-aħħar laqgħa waħda mill-affarijiet li ġiet diskussa kienet il-problema tal *waste collection* minħabba n-nuqqassijiet li hemm bħalissa, u li ċertu obligi ;i għandu l-kuntrattur mhux qed jagħmilhom. Il-kuntrattur gie moghti tletin (30) ġurnata min wara li ntbagħtet ittra min-naħa tar-Reġjun li telenka n-nuqqasijiet, biex jibda josserva r-regoli tal-kuntratt għax jekk le kienu ser jibdew japplikaw il-multi.

Is-Sindku semma wkoll li talab informazzjoni fuq kemm hemm B&Bs fil-lokalita' bil-ħsieb li tintbagħtilhom ittra biex tiġbdilhom l-attenzjoni għal kif jinħareġ l-iskart.

4.4.6 Is-Sindku nforma li kien intalab biex issir tellieqa ta' 5k mix-Xemxija sal-Manikata fis-6 ta' Ottobru 2024 Dan bil-kundizzjoni li ma tingħalaqx it-triq.
Il-Kunsill approva nem.com.

4.4.7 Il-Kunsill intalab jagħmel proposta għal anżjan/a tas-sena - Wara diskussjoni ġie maqbul li l-persuna magħżula għandha tkun is-Sur Elio Lombardi. Dan ġie suġġerit mill-Kunsillier Joseph Matthew Attard.

## 4.5 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapport

Is-Sindku Ċensu Galea għamel riferenza għall-*Management Letter* li ntbagħtet wara li sar l-Audit li jsir kull sena biex il-kunsill jindirizza xi punti li jkunu gibdulu l-attenzjoni għalihom. Kemm il-*Management Letter* kif ukoll ir-risposta preparata min naħa tal-Kunsill diġa ntbgħatu lil kunsilliera. Il-ħsieb huwa li xi affarjiet pendenti antiki jiġu ndiriżżati.Is-Sindku għamel riferenza għal korrispondenza li nbgħatet mill-Kunsillier Alfred Grima fejn dan qal li fil-*Management Letter* mhux qed jissemew nuqqasijiet ta' din is-sena imma nuqqasijiet ta' qabel l-aħħar leġizlatura. Is-Sindku qal li ma xtaqx jidħol fil-mertu ta' dan imma wieħed għandu jħares il-quddiem.

Il-Korrispondenza tal-Kunsillier Alfred Grima ser tkun annessa.

Ir-risposta preparata min-naħa tal-Kunsill ġiet approvata nem.com. Ipproponiet il-Kunsilliera Rachel Williams u ssekonda il-Kunsillier Daryl Connor

## 4.6 Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv-

Is-Sindku Ċensu Galea nforma li s-Sur Sergio Carbonaro ġie appuntat bħala Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv min naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku spjega li bħalissa s-Sur Sergio Carbonaro qed jieħu l-*hand over* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv attwali. Is-Sindku rrefera wkoll għar- remunerazzjoni li ser tingħata li Sur Marico Sammut tas-sigħat li jkun ħadem extra kif diga ġew diskussi qabel wara li jkun ingħata rendikont ta' dawn.

## 4.7 PA 1671/03 - Sit Triq Parades, San Pawl il-Baħar .

Is-Sindku Ċensu Galea spjega li fuq din l-applikazzjoni pendenti wieħed irid jara x'diskussjonijiet kien hemm fil-passat anki fejn jidħlu titli tal-art u xi *stakeholders* hemm involuti qabel ma tittieħed deċiżjoni formali jekk tiġix irtirata l-applikazzjoni.

Is-Sindku Ċensu Galea ippropona u l-Kunsillier Clevion Micallef issekonda l-mozzjoni li għalissa l-applikazzjoni tibqa hemmhekk.

## 4.8 Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi - *Framework Agreement*

Is-Sindku Ċensu Galea nforma li min naħa tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi ġew allokati €10M fondi u l-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar ser jingħata fondi biex jkunu jistgħu isiru diversi xogħolijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-iskop u l-inizjativa minn-naħa tad-Dipartiment u li diġa kienu ġew sottomessi għaxar siti li għandhom bżonn isiru xi xogħlijiet fihom. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ġie allokat €400,000 minn dawn il-fondi. Naturalment għad iridu jsiru diskussjonijiet mad-dipartiment dwar dan.

## 4.9 Applikazzjonijiet għall-żvilupp fix-Xemxija

Is-Sindku Ċensu Galea semma li hemm diversi applikazzjonijiet ta' żvilupp fiz-zona tax-Xemxija, fejn inqal ukoll li xi persuna fuq Facebook allegat li qed isir xi -xogħol illegali. Is-Sindku spjega biex kemm dan l-individwu jew kull min għandu xi nformazzjoni jgħaddiħa i u jwassalha lill-Kunsill ħalli tkun tista tittieħed azzjoni u l-Kunsill ikun jista jagħmel pressjoni . Is-Sindku spjega li l-entitajiet ikkonċernati bħall-PA, l-ERA, l-BCA, u l-OHSA kollha jwaħħlu f'xulxin meta tinġibdilhom l-attenzjoni . Is-Sindku semma li possibilment fis-sit tal-ex Mistra Village jista jkun li l-blat m'għadux qed jiġi mitfuħ fil-*crasher* ġo s-sit stess. Il-Kunsilliera Rachel Williams semmiet li jidher li l-ammont ta' trab naqas xi ftit. Tkellmet ukoll fuq l-applikazzjoni l-oħra li bħalissa hija sospiza fejn il-Kunsill possibilment għandu jara t-titlu jew servitu li jkun hemm. Is-Sindku spjega li l-PA ma tagħmilx verifiki fuq it-titlu, bil pozizzjoni tal-Kunsill hi i jista jagħmel rapprezentazzjoni kontra l- izvillup. Il-Kunsilliera Rachel Williams tkellmet fuq il-fatt li dejjem irid ikun hemm il-bilanċ bejn ir-residenti u l-iżviluppatur. Is-Sindku għadda biex ta informazzjoni dwar l-art ta' parti min Triq is-Simar - PA4199/24 fejn sa issa ma jistawx isiru sottomissjonijiet. Is-Sindku għamel referenza wkollgħall- applikazzjoni fuq Telgħet ix-Xemxija. Il-Kunsillier Rachel Williams semmiet li kienu ġibdulha l-attenzjoni fuq il--problema tat-tindif tal-culverts tal-Pwales għaliex dawn kienu ilhom ma jitnaddfu. Jidher pero li dawn kienu tnaddfu imma mportanti li jsiru kull sena.

## 4.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**4.10.1** Il-kunsillier Joseph Matthew Attard ġibed l-attenzjoni dwar il-*bring in sites* fejn jintremew il -ħwejjeg biex forsi isir xi ħaġa bħal per eżempju ma jibqawx nies jagħzlu il-ħwejjeg fuq-il-bankini billi l-Kunsill jagħmel xi tip ta' ntervent biex jevita' sitwazzjonijiet bħal dawn. Tkellem wkoll dwar is-sitwazzjoni tal-magni tal-BCRS minħabba l-flixken tal-plastic u spjega li din iktar min kollox hija kustjoni ta' dinjita'.

Is-Sindku wieġeb li s-sit ta' ħdejn il-knisja tal-Qawra ser jintalab li titneħħa. Il-Kunsill qabel li għandha titneħħa nem.com.

**4.10.2** Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-lagħqa pubblika li fiha jrid jiġi preżentat il-pjan tal-ħames snin fejn hemm il-ħsieb li din ma ssirx fil bini tal-kunsill. Is-Sindku appella li kull kunsillier għandu jikkontribwixxi għall-programm ta' xi jrid jitwettaq għal ħames snin li ġejjin skont id-dekasteru tiegħu jew tagħha.

## 4.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizz

### 4.11.1 Tender tat-tiżjin tal-Milied

**Is-**Segretarju Eżekuttiv spjega li-tiżjin tal-Milied f'dawn l-aħħar sentejn kien hemm it-tender u partijiet oħra jsir bl-*RFQs*. Minħabba li t-tender kienet tagħlaq f'Novembru 2024 il-Kunsill irid jiddiskuti kif ser jipproċedi. Il-Kunsillier Clevion Micallef issuġerixxa li fl-

opinjoni tiegħu jipprefieri li fejn isir isir b'armar sabiħ speċjalment fit-dħul u l-ħruġ tal-lokalita'. Wara diskussjoni ġie maqbul li għandhom jinħarġu t-tenders fuq tizjin ta' toroq differenti fil-lokalita' u jsiru talbiet għall-finanzjament lil MTA u r-Reġjun Tramuntana.

**4.11.2 Ħarġiet tal-anzjani**

Il-Kunsilliera Antoinette Bezzina spjegat li kif kien qiegħed isir qabel kienet ser tiġi organizzata l-ħarġa ta' kull xahar għall-anzjani u kienet qed titlob li l-Kunsill jħallas parti mill-ispejjez tal-ħarga li jmiss fejn min l-ammont ta' €9.75 il-Kunsill joħroġ €2.75 apparti t-trasport. Wara diskussjoni s-Sindkuissugerixxa li l-kapillani tal-lokal għandhom jkunu nfurmati u jsiru avvizi dwar il-ħargiet mill-Kunsill. Il-kunsillier Chris Vella Petroni issuġġerixxa li għandu jkun hemm persuna mħarġa fil *First Aid* u Kunsillier Clevion Micallef issuġerixxa li jekk jista jkun għandu jkun hemm programm ta' sena bid-dati tal-ħarġiet

## 4.12 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni ippropona u l-Kunsillier Alexander Agius ssekondawrispettivament li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata kif deċiż mill-kunsill.

Il-kunsill approva nem.con

Ġie konfermat li l-ħlasijiet tal-latrini ma kienux inklużi f'din l-iskeda imma għandhom jinħarġu d-*default notices* minħabba n-nuqqasijiet li qiegħed ikun hemm.

Qabel għalaq il-laqgħa s-Sindku ċċara li wara li saret verifika jirriżulta li Ġieħ San Pawl (jew Jum San Pawl) kien diġa ġie maqbul mill-Kunsill preċedenti u għalhekk ma kienx hemm bżonn terġa tiġi diskussa.

## Aġġornament għall-laqgħa li jmiss

Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.05 u aġġornata għal Ħamis 26 ta' Settembru 2024 fil-17.30

| | |
|---|---|
| <u>IFFIRMATI</u> | <u>IFFIRMATI</u> |
| Ċensu Galea | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |